ġella tas-Sultana. Imgħammar kif kien, dan il-ġifen kien ikkalkulat li seta' jeħodha ma' 30 xini. Għal Ibrahim dan ma kienx kollox. Ried aktar sigurtà. Bagħat 40 galjotti jnaddfu l-ibħra mill-kursari u joqogħdu fil-port ta' Rodi jistennew is-Sultana u jwassluha sa Lixandra. Minbarra dan, hejja wkoll l-armata.

Dan hu fil-qosor it-twelid ta' Osman u l-ħajja ta' Zafira qabel ma ġew mirbuħin mill-flotta Maltija.

Bosta storici jiddubitaw mit-twelid Imperjali ta' Osman, u jgħidu li hu bin ilsira, iżda b'dawn il-fatti kollha flimkien ma' oħrajn li ħalla miktub Bulgarini, ma jistax jibqa' dubju. L-istorja tgħidilna, li kemm il-Gran Mastru, kif ukoll il-Kavalieri żammew għassa kontinwa fuq Zafira u l-priġunieri kollha li kien hemm fuq il-ġifen biex jaraw x'se jkunu r-reazzjoni tagħhom lejha. In-nies l-oħra flimkien mal-Kbarat, kollha qiemu lil Zafira bħala Sultana, u meta ġie biex imut wieħed ilsir, talab li jara lit-tarbija għall-aħħar darba u sellimlu bħala s-Sultan tiegħu.

Fattur ieħor importanti hu l-kobor ta' ġifen li kien u anki r-rikkezzi li kellu fuqu, li żgur kien qed iġorr fuqu lil xi persuna Imperjali. Jekk kulħadd jemmen li l-Galjun kien l-akbar priża li qatt qabdu l-ġfien Maltin, ikollok tabilfors tammetti li fuqu kien hemm Prinċep u Sultana, kif fil-fatt xehdu l-priġunieri kollha. Li kieku ma kienx hekk, dawk il-kbarat kollha li kien hemm, kienu se jagħtu qima lil sempliċi lsiera u l-binha? Hemm xhieda oħra li Ibrahim ried jifdi lil ibnu u l-Zafira, imma l-Kavalieri rrifjutaw; u meta sema' bil-mewt tagħha sibel għal Malta u l-Kristjaniżmu. B'danakollu minflok ma beda jassalta Malta, beda b'Kandja biex hekk ikun tħallas mill-Venezjani bħala sidien tagħha, talli kienu kkonfoffaw kontrih.

Fil-Mużew Parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar jinsab imdendel kwadru pittura, mogħti b'wegħda, li jġib in-numru 17, li fih hemm il-battalja tal-Gran Sultana. Fil-knisja tal-Portu Salvu tal-Belt tinsab ċella, magħrufa bħala ta' "Padre Ottomano", u nsibu hawn ukoll kalċi tad-deheb, li ġie mibgħut lil Osman minn Ibrahim, malli ħa l-quddiesa. Wara mewtu, dan il-kalċi baqa' jintuża wkoll, imma billi fih kien hemm minquxa xi figuri u għeliem pagani orjentali, il-Patrijiet ħassew — anzi skruplaw — li mhux sewwa li fih jitqiegħed Sidna Ġesu' Kristu bħala Ostja, u għalhekk warrbuh, biex jintwera darba waħda biss nhar San Duminku. Minbarra dawn, fl-arkivju ta' l-istess knisja rajt żewġ bibbji bl-Għarbi, miktubin bl-idejn u dedikati lilu. Fil-knisja tad-Dumnikani tar-Rabat kien hemm ċella oħra ta' l-istess Patri Ottomano, kollha miksija biddamask, li maż-żmien il-Patrijiet għamlu minnu l-apparati għall-knisja.



Il-lum Pere Osman jew aħjar Padre Domenico di San Tomaso jinsab midfun fil-kannierja tal-knisja tal-Patrijiet Dumnikani tal-Belt, u huwa l-ġawhra ta' l-Ordni kollu. Żgur li ħadd f'ħajtu ma kien imfaħħar, miżmum b'tant għożża u mħabba daqs kemm kien f'ħajtu dan il-patri ċkejken. Kien patri umli, twajjeb, ried jinħeba mit-tlellix u l-kburija, iżda l-ħlas tiegħu kien għaliex kellu qima mill-ogħla kbarat.

TMIEM

BIBLJOGRAFIJA :—
A. FERRIS — Storia Ecclesiastica (Malta 1877)
P.P. Castagna — Storia ta' Malta (Malta 1865)
G.A. Vassallo, Prof. — Storia di Malta (Malta 1890)
G. Faure' — Fra Domenico di St. Tomaso (Malta 1893)
L. de Boisgelin — Ancient and Modern Malta (Malta 1805)
P.D. Callus, Patri — Il P. Ottomano fu vero Principe (1916)

---

# BOTT VOJT

*Ta' E. ATTARD*

Tgerbeb fl-art
Mar-riħ li saqu
U ħadu fejn ried:
Niżel in-niżla
Bi ħsejjes, ħsejjes waħdu . . . .
. . . . U qattgħu l-isbaħ siegħa
It-tfal jilagħbu bih,
Sa xebgħu u ħallewh
Ikompli t-triq mar-riħ
Bi ħsejjes, ħsejjes waħdu.
Sakemm għaddiet karrozza —
Għaffġitu,
U landa bla siwi ġabitu
U spiċċa l-istorbju.
. . . . Met'għadda dak li jnaddaf
Ġabru mal-bqija
Li sab fit-triq . . . .
Din hija wkoll l-istorja
Ta' bosta bnedmin!

Diċ., 1966.